# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
Ħarġa nru. 909
Ġunju-Lulju 2009
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

Direzzjoni u Amministrazzjoni:
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

e-mail: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
"Gozo Press" Tel.21551534

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-}ajja fid-Djo`esi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Għawdex fil-{urnali • 16
Għawdex fil-Parlament • 17
Kummentarju (2) • 18
Osservazzjonijiet • 20
Spe`jali Sena Pawlina (12) • 22
Kotba {odda • 24
Dawl għall-}ajja • 26
SUPPLIMENT FOTOGRAFIKU
Solidarjetà Nisranija (1) • 28
Snajja Qodma (21) • 30
Mil-Lenti tat-Telekamera (1) • 32
Għaqda Poeti Maltin • 34
Wirt Għawdex • 35
Passi[[ata Biblika (47) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (16) • 40
Għawdex 300 sena ilu (174) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (10) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (10) • 44
Irqaqat mill-Imgħoddi • 46
Essej • 47
Tisliba • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
Għawdex max-Xhur • 50



Ritratti: Hajr lil Dun Anton Sultana, Joe Zammit, Charles Spiteri, Lynda Caton Roseblade, Dun Ġwann Sultana, Wirt Għawdex, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex, u Ministeru għal Għawdex.
Ritratt tal-Qoxra: Aspetti ta' Festa Għawdxija. Hajr lil Noel Borg (Kerċem).
Suppliment: B'ħajr lil Ted Attard.




# Editorjal

## Is-Saċerdot ma' Ġenbna

Is-sejħa għas-saċerdozju fiha l-misteru. Fiha l-misteru għax il-Mulej isejjaħ, mhux lil min f'għajnejna jidher li jixraqlu, iżda lil min jidhirlu Hu u jogħġob Lilu. Kull sejħa hi misterjuża wkoll fl-impuls intern, fil-qalba ta' qalb il-bniedem u fit-tweġiba partikolari u personalizzata li kull imsejjaħ jagħti.

Fid-dinja li qed ngħixu fiha, l-aċċettazzjoni tas-sejħa hija wkoll miraklu. Il-kultura madwarna għamlet id-divertiment u l-pjaċir l-ogħla u l-oħla għan tal-ħajja, u l-għan aħħari tagħha; hi kultura li tinnamrana mad-divertiment u mal-pjaċir tant li saħansitra naslu biex immutu għalihom. Min jilqa' s-sejħa għall-vokazzjoni saċerdotali jkun lest li jinjora dan kollu; mhux jinjorah passivament, imma bħal Ulisse, il-protagonist ta' Omeru, isodd widnejh, jgħatti għajnejh u jintrabat ma' l-arblu tad-dgħajsa sabiex ma jinġibidx mill-għanja tas-sireni.

Iżda għall-imsejjaħ, id-dgħajsa hija d-dgħajsa ta' Pietru, u l-arblu tad-dgħajsa hu s-Salib ta' Kristu. Għaliex is-saċerdozju jeżiġi l-għoti tal-ħajja, jekk mhux f'mument qasir u erojku bħal ta' Massimiljanu Kolbe, fil-qadi fit-tul u bla heda, moħbi u bla fanfara, tal-pastorali kontinwa bħal dik ta' Giovanni Maria Vianney. Hu qadi li jherri kieku mhux għax l-Ispirtu ta' Kristu jsostni biex l-għotja tingħata bil-ferħ u bl-imħabba.

Is-saċerdot huwa medjatur bejn Alla u l-poplu tiegħu. Aħna li nemmnu, din id-dinjit*à* mhux dejjem nagħrfuha u nistmawha kif suppost. Forsi għaliex għandna s-saċerdot ma' ġenbna u s-servizz tiegħu ta' medjazzjoni bejna u Alla qatt ma jiġi nieqes. Drajna, għalhekk, lis-saċerdot neħduh "for granted". Sant Wistin isejħilha "dinjit*à* venerabbli" u jgħid li "f'idejn is-saċerdot l-Iben t'Alla jinkarna mill-ġdid bħalma qabel inkarna fil-ġuf ta' Marija." Ħadd mill-membri kollha tal-Knisja, fid-diversi ministeri tagħha, ma jista' jinjora jew jittratta din id-dinjit*à* b'indifferenza – la min iġorrha u lanqas min jistenniha f'dawk li għandhom iġorruha. It-traskuraġni għad-dettall fl-imġiba lejha tbaxxiha aktar milli tbaxxi kwalunkwe karriera, professjoni jew vokazzjoni oħra. Il-ħidma tas-saċerdot hija l-medjazzjoni għall-qdusija – azzjoni b'impenn għall-perfezzjoni, iżda li tabilħaqq teżiġi saqajn fl-art u ħsieb fis-sema. Madankollu, hu stess mhux perfett.

Is-saqajn fl-art huma meħtieġa għas-servizz lill-aħwa, iżda bħal kull par saqajn oħra li jterrqu fis-soċjet*à*, tiegħu wkoll jistgħu jinbarmu minn xi pass żbaljat. Meta jiġri hekk, ukoll jekk it-twissija xierqa għandha ssir u ssir f'waqtha, min tabilħaqq jemmen m'għandux jehda fi kritika spjetata, mingħajr mogħdrija. L-atteġġament ta' min jemmen fid-dinjit*à* tas-saċerdozju għandu jkollu, ftit jew wisq, minn dak li jesprimi San Franġisk t'Assisi : "Li kieku kelli l-għerf ta' Salamun, u kont niltaqa' ma' saċerdoti ta' min jitħassarhom, ma kontx nipprietka kontra r-rieda tagħhom fil-parroċċi tagħhom... Imqar jekk huma kellhom jippersegwitawni, xorta waħda kont nirrikorri għandhom".

Kull nisrani, li jixraqlu l-isem, ikun jixtieq li jirrikorri għand is-saċerdot fil-punt tal-mewt. Imma s-saċerdot jaqdina ħajjitna kollha.

Din is-sena ddedikata lis-saċerdozju mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu

Joseph W. Psaila